# Prevenzjoni ta' l-infezzjonijiet waqt kull tip ta' attività sesswali!

<table>
<tr><th></th><th>Sess bejn in-nisa</th><th>Sess bejn nisa u rġiel</th><th>Sess bejn l-irġiel</th></tr>
<tr><td rowspan="2">Sess Orali</td><td colspan="2">■ Uża' 'dental dam' (square tal-latex) biex tevita li demm jew fluwidi vaġinali jidħlu f'ħalqek. Kondom maqtugħ u miftuħ ċatt jista' jintuża għall-istess skop.</td><td></td></tr>
<tr><td></td><td colspan="2">■ Uża dejjem kondom u evita li l-persuna jiġi f'ħalqek.</td></tr>
<tr><td>Sess Anali</td><td>■ Uża lubrikant minħabba ċans ogħla ta' ġrieħi interni f'dan it-tip ta' sess. Uża ingwanti tal-latex speċjalment jekk hemm xi qatgħat fis-swaba/idejn.</td><td colspan="2">■ Hemm riskju akbar li jiġu trasemessi xi infezzjonijiet f'dan it-tip ta' sess, għalhekk huwa rakkomandat li jintużaw kondoms aktar b'saħħithom u ħafna lubrikant magħmul mill-ilma. Ftakar li kremi żejtnin bħal; baby oil jew Vaseline jistgħu iqattgħu l-kondom.</td></tr>
<tr><td>Sess Vaġinali</td><td>■ Uża ingwanti tal-latex speċjalment jekk hemm xi qatgħat fis-swaba/idejn. L-użu ta' lubrikant inaqqas miċ-ċans ta' ġrieħi interni. Hemm riskju akbar ta' infezzjonijiet waqt il-period.</td><td>■ Uża dejjem kondom qabel ma l-ġenitali tiegħek u tal-partner imissu ma' xulxin. Lubrikant inaqqas miċ-ċans ta' ġrieħi interni. Hemm riskju akbar ta' infezzjonijiet waqt il-period.</td><td></td></tr>
<tr><td>Masturbazzjoni</td><td colspan="3">■ M'hemm ebda riskju ta' infezzjonijiet meta timmasturba waħdek. Jekk timmasturba mal-partner ir-riskju jiżdied jekk tuża l-isperma jew fluwidi vaġinali tal-partner bħala lubrikant għalik.</td></tr>
<tr><td>Sex Toys</td><td colspan="3">■ Evita s-self (sharing) ta' sex toys għax dawn jistgħu jkunu mċapsin bil-fluwidi jew demm ta' ħaddieħor u b'hekk tgħaddi infezzjoni. Is-sex toys għandhom dejjem jinħaslu tajjeb wara l-użu u kemm jista' jkun il-persuna iżomm tagħha/tiegħu personali.</td></tr>
</table>

Reprint 2009

## Is-Saħħa Sesswali

# L-Infezzjonijiet: Punti qosra



SEXUAL HEALTH HELPLINE
232 66 121
sexualhealth@gov.mt

G.U. CLINIC
TEL: 21 227 981

Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni ta' Mard
5B, The Emporium, C. De Brocktorff Str., Msida MSD 1421
Tel: (+356) 2326 6000, www.sahha.gov.mt

| Kif tiġi trasmessa? | Sintomi | Konsegwenzi | Trattament |
|---|---|---|---|
| **Chlamydia** | | | |
| B'sess orali, vaġinali u anali.<br>Sintomi jafu joħorġu sa 4 ġimgħat wara kuntatt ma' l-infezzjoni. | ▪ Tisfija mill-ġenitali<br>▪ Uġigħ mal-pipi<br>▪ Uġigħ waqt is-sess<br>▪ Dmija mhux tal-period<br>Madwar 80% tan-nisa u 30% ta' l-irġiel ma jkollhomx sintomi. | ▪ Infjammazzjoni fil-pelvis (PID) li tista' tikkawża infertilità fil-mara<br>▪ Problemi fit-tqala u fis-saħħa għat-tarbija kemm qabel kif ukoll wara l-ħlas | Antibijotiċi |
| **Gonorrhoea** | | | |
| B'sess orali, vaġinali u anali.<br>Sintomi jafu joħorġu sa ġimgħa wara kuntatt ma' l-infezzjoni. | ▪ Tisfija mill-ġenitali ta' kulur safrani<br>▪ Uġigħ/ħruq mal-pipi<br>Madwar 75% tan-nisa u 10% ta' l-irġiel ma jkollhomx sintomi. | ▪ Uġigħ fit-testikoli b'riskju ta' infertilità fl-irġiel<br>▪ PID li tista' tikkawża infertilità fil-mara<br>▪ Problemi fit-tqala u fis-saħħa għat-tarbija | Antibijotiċi |
| **Hepatitis B, C** | | | |
| Minn demm infettat e.ż b'użu ta' labar/ oġġetti li jaqtgħu.<br>B'sess vaġinali u anali.<br>Trasmessi wkoll mill-omm infettata għat-tarbija.<br>Sintomi jafu joħorġu bosta ġimgħat wara kuntatt ma' l-infezzjoni. | ▪ Sintomi ta' riħ<br>▪ Nuqqas ta' aptit ta' ikel<br>▪ Jisfaru l-abjad ta' l-għajnejn<br>Kemm nisa u rġiel jafu ma joħorġux sintomi ta' l-infezzjoni. | ▪ Infjammazzjoni fil-fwied li taf twassal għall-kanċer u anki mewt | Jeżisti vaċċin għall-prevenzjoni tal-Hepatitis B iżda mhux għal Hepatitis C.<br>F'każ ta' infezzjoni t-tabib irid jindika l-aħjar trattament u kura. |

| Kif tiġi trasmessa? | Sintomi | Konsegwenzi | Trattament |
|---|---|---|---|
| **Herpes** | | | |
| B'sess orali, vaġinali u anali.<br>Sintomi jafu joħorġu sa ġimagħtejn wara kuntatt ma' l-infezzjoni. | ▪ Bħall-bżieżaq mal-parti ġenitali jew madwar il-ħalq<br>▪ Sintomi ta' riħ<br>▪ Tisfija mill-parti ġenitali | ▪ Is-sintomi jafu jibqgħu joħorġu snin wara minnkejja li jkun ittieħed trattament<br>▪ L-infezzjoni taf tkun fatali għal tarbija fil-ġuf | Ingwent jew pilloli biex tfejjaq is-sintomi iżda il-virus ma jitlaqx mill-ġisem. |
| **HIV** | | | |
| B'sess vaġinali u anali jew permezz ta' labar/oġġetti li jaqtgħu mċapsin b'demm infettat.<br>Trasmessi wkoll mill-omm infettata għat-tarbija. | ▪ Ħafna min-nisa u rġiel ma jkollhomx sintomi ta' din l-infezzjoni | ▪ Tista' twassal għall-AIDS<br>▪ L-immunità tal-persuna tkun baxxa għall-mard u tista' twassal għall-mewt | F'każ ta' infezzjoni t-tabib irid jindika l-aħjar trattament u kura. |
| **HPV/Genital Warts** | | | |
| B'sess orali, vaġinali u anali.<br>Sintomi jafu joħorġu xhur jew snin wara kuntatt ma' l-infezzjoni. | ▪ Ħakk madwar il-ġenitali<br>▪ Felul kulur roża ċar li jitla' madwar jew ġewwa il-ġenitali<br>▪ Ħafna min-nisa u rġiel ma jkollhomx sintomi ta' din l-infezzjoni | ▪ Il-felul jaf jikber u jinfirex madwar iż-żona ġenitali u jsir aktar diffiċli biex titrattah<br>▪ Tibdil f'xi ċelluli tas-*cervix* (l-għonq ta' l-utru) u dan jista' jwassal għal kanċer | Fil-każ ta' infezzjoni tas-cervix it-tabib jgħidlek dwar l-aħjar trattament.<br>Fil-każ ta' felul viżibbli, likwidu jingħata biex tagħmlu fuqhom jew jiġu iffriżati mit-tabib. |

| Kif tiġi trasmessa? | Sintomi | Konsegwenzi | Trattament |
|---|---|---|---|
| **Non-Specific Urethritis (NSU)** | | | |
| B'sess vaġinali u anali.<br>Sintomi jafu joħorġu sa xahar wara kuntatt ma' l-infezzjoni. | ▪ Fl-irġiel sintomi jinkludu:<br>Tisfija bajdanija<br>Ħruq mal-pipi<br>Xi rġiel ma jkollhomx sintomi<br>▪ Raġel jista' jagħddiha lill-partner femminili u hi ma jkollhiex sintomi | ▪ Uġigħ fit-testikoli b'riskju ta' infertilità' fl-irġiel<br>▪ Infjammazzjoni fil-pelvis (PID) li tista' tikkawża infertilità fil-mara | Antibijotiċi |
| **Syphilis** | | | |
| B'sess orali, vaġinali u anali.<br>Sintomi jafu joħorġu sa 3 xhur wara kuntatt ma' l-infezzjoni u ġieli anki aktar tard. | ▪ Raxx aħmar mal-ġisem<br>▪ Glandoli jintefħu<br>▪ Infafet mal-ġenitali u partijiet oħra tal-ġisem | ▪ Is-sintomi jafu jieqfu, iżda l-infezzjoni tippersisti<br>▪ Taf twassal għal paralisi, dementia u mewt<br>▪ Taf tkun fatali għal tarbija fil-ġuf | Antibijotiċi |
| **Bacterial Vaginosis (BV)** | | | |
| *Vaginal douching* u użu ta' *bubble bath*.<br>Mhux maħsub li trasmessa sesswalment. | ▪ Tisfija mill-ġenitali li taf tkun tintenn<br>▪ Ma taffetwax lill-irġiel | ▪ Assoċjata ma' PID (infjammazzjoni fil-pelvis) | Antibijotiċi jew ingwent. |
| **Thrush (Candida)** | | | |
| Użu ta' antibijotiċi.<br>Użu ta' *tights* u ħwejjeġ issikkati li ma jħallux arja tiċċirkola fil-parti ġenitali. | ▪ Ħakk madwar iż-żona ġenitali<br>▪ Tisfija bajdanija mill-ġenitali | ▪ Jekk ikun hemm sintomi, dawn kapaċi jippersistu jekk ma tfittixx trattament | Trattament kontra l-fungus. |